Knisja elfejn

sena XXII nru. 94

ottubru – diċembru 2010

# Marija ta' Nazaret: Ikona għal ħajjitna

WERREJ

P. Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

P. Pietru Pawl Zerafa OP
**Il-Madonna fil-Bibbja** 5

P. Raymond Gatt OP
**Marija fil-Liturġija u d-devozzjonijiet** 37

Sr Mary O'Driscoll OP
**Women and Mary** 47

P. Joseph Ellul OP
**Marija fil-Qur'ân u fit-twemmin Musulman** 61

Dun Hector Scerri
**Id-dommi Marjani** 75

# Id-dommi Marjani

Dun Hector Scerri

**Daħla**

Il-Maġisteru tal-Knisja Kattolika kemm-il darba tkellem dwar il-Verġni Marija, Omm Alla. Tul in-nisġa tas-sekli, il-Papiet esprimew bosta aspetti tat-tagħlim dwar il-Madonna permezz ta' enċiklići u dokumenti oħra. Barra minn hekk, il-Papiet tal-aħħar ħamsin sena għamlu bosta vjaġġi pastorali fl-Italja u barra, u spiss rajniehom iżuru santwarji marjani, u hemm mhux biss urew l-imħabba u d-devozzjoni tagħhom u tal-Poplu t'Alla lejn Marija, imma wkoll għamlu omeliji jew diskorsi li matulhom komplew jgħallmu dwar din il-mara li għandha post uniku fil-pjan tas-salvazzjoni. Però, il-quċċata tat-tagħlim tal-Knisja dwar Marija nsibuh miġbur fid-Dommi marjani. Fihom hemm sintesi mill-aktar ċentrali dwar dawk il-veritajiet fundamentali dwar il-Madonna. Dan huwa tagħlim li kull Kattoliku huwa marbut li jħaddan, appuntu għaliex jinsab f'dommi tal-fidi. Huwa tagħlim li jirrifletti bħal f'mera l-fidi ta' Poplu.

Id-dommi marjani huma erbgħa:

Il-Maternità Divina ta' Marija (definita waqt il-Konċilju ta' Efesu fl-431);

Il-Verġinità ta' Marija (definita waqt Sinodu fil-Lateran fis-649);

Il-Konċepiment Immakulat ta' Marija (definit mill-Beatu Piju IX fl-1854);

Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem (domma definita mill-Papa Piju XII fl-1950).

Quddiemna, għalhekk, għandna nisġa ta' l-għaġeb... nisġa mill-ifjen... nisġa li tħaddan kważi elfejn sena. Id-dommi tal-fidi huma importanti ħafna għall-insara Kattoliċi. B'"domma" aħna nifhmu

espressjoni teoloġika dwar tagħlim reliġjuż definittiv li huwa mistqarr b'mod uffiċjali, normalment minn Konċilju jew minn Papa, u li l-Kattoliċi huma obbligati jemmnu b'fidi. Min jiċħad domma tal-fidi jaqa' f'ereżija. Il-Knisja Kattolika waslet biex tistqarr dommi tal-fidi spiss wara perjodu twil ta' riflessjoni, li ġie li ħadu anke sekli sħaħ. Hu għalhekk li nitkellmu dwar żvilupp tat-tagħlim fis-sens li biż-żmien, il-Poplu t'Alla fi ħdan il-Knisja – mdawwal u mmexxi mill-Ispirtu s-Santu, kif ukoll bl-għajnuna tat-teoloġi – wasal biex jagħraf aħjar dak li qabel kien impliċitu ġo veritajiet teoloġiċi oħra.

M'għandniex ninsew li r-Rivelazzjoni mhijiex biss dik li nsibu mħabbra lilna fl-Iskrittura Mqaddsa, imma wkoll dik li twasslet lilna fit-Tradizzjoni tal-Knisja. Dan huwa tagħlim li fil-bidu għadda bil-fomm (jiġifieri b'mod orali), u li bil-mod il-mod tniżżel bil-miktub u għadda minn ġenerazzjoni għal oħra permezz ta' kitbiet awtorevoli bħalma huma dawk ta' Missirijiet il-Knisja u testi liturġiċi bikrija. Il-Knisja tqis dan it-tagħlim prezzjuż bħala parti importanti mid-depożitu tal-fidi. Nerġa' ngħid li aspetti minn dan it-tagħlim għaddew minn maturazzjoni – jiġifieri kien hemm żvilupp biex dan it-tagħlim jiġi ċċarat dejjem aktar sakemm il-Knisja, mdawla mill-Ispirtu s-Santu li dejjem imexxiha, waslet biex f'mumenti differenti tal-Istorja twila tagħha tiddefinixxi dan it-tagħlim b'mod solenni bħala domma ta' fidi. Kif jistqarr tant tajjeb il-mibki Isqof Nikol Cauchi, "żvilupp ma jfissirx tibdil minn ħaġa għal oħra jew iċ-ċaħda ta' dak li kien affermat qabel jew viċi-versa, iżda jfisser proċess ta' maturazzjoni, bħal siġra li tikber mingħajr ma ssir siġra oħra jew tibdel l-ispeċi tagħha"[1].

Id-dommi marjani huma dak li huma minħabba l-verità kbira tar-relazzjoni unika u speċjali ta' Marija mal-Mulej. Fil-fatt, bosta esprimew il-fatt li d-dommi dwar Marija huma lkoll dommi kristoloġiċi għax kollha jgħidu veritajiet dwar Marija in kwantu hija Omm Alla. Permezz ta' dawn id-dommi, nistgħu nkomplu napprezzaw ir-rwol ta' Marija fil-Misteru tas-Salvazzjoni, kif ukoll ir-rwol ta' Marija fil-Knisja u s-sehem ċentrali tagħha. Il-preżenza materna hija dejjem waħda ta' kuraġġ, ta' mħabba u interess, kif ukoll ta' viċinanza ġenwina.

F'dan l-artiklu, se nkunu qegħdin nirreferu għal twemmin kostanti ta' l-Insara mill-bidunett, twemmin li aspetti minnu anke żviluppaw

bil-mod il-mod sakemm wasal il-mument it-tajjeb li dan it-tagħlim ikun definit f'Dommi tal-fidi: twemmin kostanti miżmum mill-insara ta' kullimkien dwar il-maternità divina, il-verġinità ta' Marija, il-konċepiment tagħha mingħajr id-dnub tan-nisel, u dwar it-tmiem tal-ħajja tagħha fuq din l-art u kif qed tgawdi l-glorja tal-ġenna bir-ruħ u bil-ġisem.

**Il-Maternità Divina ta' Marija: Marija hija Omm Alla**

Sa mill-ewwel żminijiet tagħha, il-komunità nisranija emmnet bis-sħiħ li Marija, għaliex hija Omm l-Iben t'Alla magħmul bniedem, hija Omm Alla. Din id-domma tal-fidi hija ta' importanza ċentrali għall-insara kollha, u hija għalhekk domma fundamentali għaliex il-verità teoloġika li hija tesprimi hija verità li tinsab fil-pedament tal-fidi nisranija. Kif fissirt ftit ilu, id-dommi marjoloġiċi huma lkoll dommi kristoloġiċi. Verità kbira li sabet oppożizzjoni fl-ewwel sekli tal-Knisja hija dik dwar il-fatt li Ġesù Kristu huwa veru Alla u tassew bniedem. Huwa persuna waħda b'żewġ naturi, in-natura divina u n-natura umana.

Fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, meta libes n-natura umana, l-Iben ma neżax in-natura divina, imma għaqqadhom it-tnejn flimkien f'persuna waħda. Dan il-misteru seħħ fil-ġuf ta' Marija bl-intervent tal-Ispirtu s-Santu. Marija meta saret Omm Ġesù, saret ukoll Ommu kif inhu fih innifsu, ta' Bniedem-Alla li hu. Fi kliem ieħor, "Ġesù Kristu, is-Salvatur tad-dinja, huwa veru Alla u veru bniedem. Dan ma jfissirx li Ġesù Kristu huwa biċċa Alla u biċċa bniedem, jew taħlita tad-divin u tal-uman (ara l-*Katekiżmu*, paragrafi 464-469). Il-Papa Sant'Iljun il-Kbir jistqarr: 'Alla baqa' dak li kien minn dejjem, u ħa s-sura tagħna li ma kellux' (*Omelija* 21). Dan il-misteru beda jseħħ mal-aċċettazzjoni tal-Verġni Marija għall-proposta li għamlilha Alla permezz tal-anġlu"[2].

Dwar il-maternità divina għandna biżżejjed informazzjoni fl-Evanġelju, b'mod partikulari fir-rakkont tat-tħabbira lil Marija (skont San Luqa 1,26-38), u fir-rakkont tat-tħabbira tal-inkarnazzjoni lil San Ġużepp (skont San Mattew 1,18-25). Dak li għexu l-ewwel komunitajiet insara (a) meta kienu ħaġa waħda fit-twemmin tagħhom, u (b) meta kienu jinġabru biex jiċċelebraw dak li jemmnu kien ferm importanti għalihom. Ma ninsewx l-espressjoni *lex credendi, lex orandi, lex*

*celebrandi*, jiġifieri dak li l-insara kienu jemmnu fih kien ċentrali fit-talb tagħhom, u kienu jiċċelebrawh fil-liturġija. Kellu jgħaddi bosta żmien sakemm il-Kredu kif nafuh ġie fformulat (fil-Konċilji ta' Niċeja I fis-sena 325 u Kostantinopli I fit-381), u l-istess jgħodd għat-testi liturġiċi li ġew ferm aktar tard minn hekk.

Però, dwar il-maternità divina ta' Marija għandna ċar u tond il-kliem tal-Iskrittura. Imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, Eliżabetta sellmet lil Marija bil-kliem *Omm il-Mulej*, meta qaltilha "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" (Lq 1,42-43). Il-kelma "Mulej" hija referenza ċara għal Alla. Dwar dan ma hemm l-ebda ambigwità. Għalhekk, hawnhekk, l-Evanġelista San Luqa qiegħed iwassal lill-komunità li lilha kiteb, imma wkoll lill-insara ta' kull żmien, verità kbira. Anke f'dak li nsibu ftit qabel din is-silta tal-Viżitazzjoni, il-kliem tal-anġlu Gabrijel lil Marija huwa ċar: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ bin Alla" (Lq 1,35). Barra minn dawn is-siltiet, għandna wkoll kliem l-Appostlu Missierna San Pawl li fl-unika referenza diretta għal Marija jistqarr hekk: "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal 4,4-5).

Ma niskantawx meta ngħidu li għalkemm l-aspett kateketiku (jiġifieri ta' tagħlim) kien sod u frekwenti sa mill-bidunett tal-Knisja, xorta waħda kien hemm min kien ixerred tagħlim żbaljat jew impreċiż. Niltaqgħu sa mill-bidu ma' eretiċi li kienu jinnegaw l-inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla jew li kienu jiċħdu li Alla *tassew* sar bniedem. Kien hemm fosthom min kien jgħid li Ġesù kien *donnu* bniedem, jew li Alla taparsi sar bniedem. Fost dawn kien hemm id-Doċeti, l-Ebjoniti u l-Injostiċi. Kien hemm oħrajn li kienu jiċħdu d-divinità ta' Ġesù, jiġifieri li Ġesù ma kienx tassew Alla, bħalma kienu jgħidu l-Arjani.

Imma, l-insara tal-bidu x'kienu jemmnu sewwasew dwar Ġesù u r-relazzjoni tiegħu ma' Marija? Ġesù Kristu ta' Nazaret, imwieled f'Betlehem, huwa t-tifel ta' Marija ("Dan mhuwiex il-mastrudaxxa *bin Marija?*" – Mk 6,3). Kieku ma kienx bniedem bħalna ma kienx ikollu

omm, kif għandu kull bniedem. Ġesù Kristu huwa tassew Alla, kif ġie mħabbar mill-anġlu disa' xhur qabel ma twieled, u kif tħabbar fil-ħolm lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija. Fid-dawl ta' dawn il-veritajiet, għaldaqstant nikkonkludu li dak li twieled bħala bniedem u li sa minn dejjem huwa Alla mhuwiex żewġ persuni differenti, iżda persuna waħda.

Bi tweġiba ċara għall-ereżija ta' Arju (li fost l-oħrajn kien jgħid li l-Iben kien maħluq, u li mhuwiex daqs Alla), l-ewwel Konċilju ta' Niċeja fis-sena 325 kien stqarr li "Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla, l-uniġenitu, kien imnissel mill-Missier... u huwa natura waħda (*homoousios*, jiġifieri tal-istess sustanza) mal-Missier... Għalina l-bnedmin u għas-salvazzjoni tagħna, niżel mis-sema, inkarna, u sar bniedem..."[3].

It-tieni konċilju tal-Knisja, dak ta' Kostantinopli I, fis-sena 381, żied frasi importanti biex ifisser aħjar dak li kien mistqarr f'Niċeja I. Wara l-kliem "inkarna", il-Kredu ta' Kostantinopli żied "*mill-Ispirtu s-Santu u minn Marija l-Verġni*". Dan huwa l-ewwel dokument awtorevoli tal-Knisja, apparti t-Testment il-Ġdid, li jsemmi lil Marija b'isimha u jagħtiha r-rwol. Fil-verżjoni latina tal-Kredu, it-test jgħid: "*de* Spiritu Sancto *ex* Maria Virgine". Però, fl-oriġinal Grieg, hemm prepożizzjoni *waħda* użata kemm għall-Ispirtu s-Santu kif ukoll għal Marija. Fil-fatt, it-test Grieg jgħid: "*ek pneumatos kai Marias tes parthenou*". Fi kliem ieħor, l-Ispirtu s-Santu u Marija *flimkien* huma l-prinċipju uniku u kompożitu tal-Inkarnazzjoni.

Il-pass li jmiss f'dan il-vjaġġ teoloġiku huwa l-Konċilju ta' Efesu, fl-431. Il-kwistjoni li kienet qegħda tbaqbaq f'dak iż-żmien, bħalma kien diġà ġara fis-sekli ta' qabel, kienet waħda kristoloġika dwar l-għaqda taż-żewġ naturi fi Kristu. F'din il-kwistjoni daħlet ukoll Marija li nisslet u wildet l-Iben t'Alla bħala bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-problema kompliet ħadet in-nar meta Nestorju, isqof ta' Kostantinopli ħareġ b'din il-proposta: li fi Kristu ma kienx hemm biss l-għaqda tan-natura divina u tan-natura umana, imma wkoll l-għaqda ta' żewġ persuni: l-Iben ta' Alla u l-Iben ta' Marija. Marija – qal Nestorju – welldet lil binha li ngħaqad ħaġa waħda ma' l-Iben ta' Alla. Għalhekk, irraġuna li Marija ma kenitx Omm Alla, iżda biss "Omm Kristu" (Christotokos).

Kellu jkun għalhekk il-Konċilju ta' Efesu li sejjaħ lil Marija uffiċjalment bit-titlu ta' *Theotokos*, jew *Deipara*, li tfisser "Omm Alla", jew litteralment *dik li ġġorr lil Alla*. X'kien li wassal għal din l-istqarrija importanti tal-Maġisteru?

Fl-istess ħabta, apparti l-iżbalji li kien qed ixandar Nestorju, kien hemm ukoll ċertu saċerdot jismu Anastasju li kien qed jipprietka li Marija hija biss *Christotokos*, jiġifieri Omm Kristu, u mhux *Theotokos*. Anastasju kien qed jgħid li Marija hija Omm Kristu "ma' min il-persuna tal-Verb t'Alla kien ingħaqad". Dan kompla jwassal għal diskors żbaljat fejn intqal li fi Kristu hemm żewġ persuni, waħda divina u l-oħra umana.

Quddiem dan it-taħwid kollu, l-Isqof San Ċirillu ta' Lixandra kiteb aktar minn ittra waħda lil Nestorju biex jiġbidlu l-attenzjoni għall-iżbalji tiegħu. Fil-korrispondenza tiegħu, l-isqof ta' Lixandra kien diġà qal: "Jiena nistagħġeb ħafna kif għad hemm xi wħud li tassew jiddubitaw jekk il-Verġni mqaddsa għandhiex tissejjaħ Omm Alla. Għax jekk Sidna Ġesù Kristu hu Alla, mela kif mhijiex Omm Alla l-Verġni Mqaddsa li wilditu? ... Il-Verb ta' Alla ħa n-nisel ta' Abraham, sawwar għalih innifsu ġisem minn mara, u sar bniedem tad-demm u l-laħam bħalna, hekk li issa mhuwiex biss Alla, iżda minħabba din il-għaqda sar ukoll bniedem jixbaħ lilna..."[4]

L-aktar importanti hija t-tieni Ittra (miktuba f'Jannar-Frar 430) li nqrat waqt l-ewwel sessjoni tal-Konċilju ta' Efesu, fit-22 ta' Ġunju 431 u ġiet approvata qabel ma waslu d-delegati tal-Papa Ċelestinu I. Il-padri konċiljari ġewwa Efesu raw li fl-Ittra kien hemm il-fidi vera tal-Knisja fl-Inkarnazzjoni tal-Verb, kif ukoll fil-maternità divina ta' Marija.

Is-silta l-aktar importanti mill-ittra ta' Ċirillu, u li ġiet adottata mill-assemblea konċiljari ta' Efesu, tgħid hekk: "Mhuwiex il-każ li bniedem ordinarju l-ewwel twieled mill-Verġni mqaddsa, u li mbagħad fuq dan il-bniedem niżel il-Verb; li ngħidu huwa li magħqud mal-ġisem sa mill-ġuf, il-Verb twieled fil-ġisem, u għalhekk it-twelid fil-ġisem huwa tassew tiegħu ... Għalhekk, (il-Padri tal-Konċilju) mingħajr dewmien sejħu lill-Verġni mqaddsa *Omm Alla* (*theotokos*)"[5]. L-ewwel sessjoni tal-Konċilju ta' Efesu ntemmet bil-kundanna formali ta' Nestorju u t-tneħħija tiegħu minn isqof ta' Kostantinopli. Appena waslu Efesu, il-legati tal-Papa taw l-approvazzjoni tagħhom, f'isem il-Papa, ta' dak li

kien ġie deċiż. Bosta studjużi huma tal-fehma li l-kontenut tat-tieni ittra ta' Ċirillu kien għadu ma laħaqx dik il-preċiżjoni teoloġika li nkisbet aktar tard, u li għalhekk irridu nieħdu kliemu fil-kuntest storiku u teoloġiku ta' dak iż-żmien.

Wara d-domma tal-maternità divina tal-Konċilju ta' Efesu, kienu ħafna l-istqarrijiet tal-Maġisteru tal-Knisja dwar dan l-istess suġġett. Kienu diversi konċilji oħra, dutturi tal-Knisja, kif ukoll Papiet, anke ta' żminijietna li permezz ta' dak li qalu jew kitbu, komplew jelaboraw fuq id-domma mxandra ġewwa Efesu.

Xtaqt niġbor xi punti teoloġiċi bħala konklużjoni għar-riflessjoni dwar il-maternità divina ta' Marija:

1. Marija għandha rwol mill-aktar importanti fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni għax hija l-omm naturali tal-Iben t'Alla magħmul bniedem.

2. L-Inkarnazzjoni hija opra tat-tliet Persuni divini: il-Missier li bagħat lil Ibnu fid-dinja, l-Iben li qagħad għar-rieda tal-Missier, u ta' l-Ispirtu s-Santu li bil-ħidma tiegħu seħħet l-Inkarnazzjoni fil-ġuf ta' Marija Verġni.

3. Alla l-Missier ried li Ibnu jsir bniedem, u ried li huwa jitwieled minn mara. Tefa' għajnejh fuq Marija ta' Nazaret biex permezz tagħha jieħu l-ġisem ta' bniedem.

4. Alla ried il-koperazzjoni tagħha bil-volontà libera tagħha. Ma obbligahiex, għax inkella l-volontà tagħha ma kenitx tkun libera.

5. Kieku ried, seta' nqeda biha biex b'mod mirakoluż Ibnu jitwieled minnha, anke mingħajr ma hi tkun taf li dan twieled bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Imma mbagħad il-maternità tagħha ma kenitx tkun responsabbli[6].

## Id-Domma tal-Verġinità ta' Marija

It-tagħlim dwar il-verġinità ta' Marija huwa marbut intrinsikament mat-tagħlim li fissirna dwar il-maternità divina tagħha. Il-maternità verġinali ta' Marija huwa misteru kbir, u f'għajnejn min ma jemminx huwa paradoss. Kif tista' mara tkun omm u tibqa' verġni? Fid-domma tal-maternità verġinali ta' Marija, għalhekk, għandna quddiemna privileġġ speċjali ieħor ta' Marija mogħti lilha minn Alla. X'tgħallem

il-Knisja dwar din il-verità kbira? L-ewwel nett, nistqarru li l-Madonna kienet verġni qabel it-twelid ta' Ġesù. Dan, fi kliem sempliċi, ifisser li Marija nisslet lil Kristu u baqgħet verġni, għax dak li seħħ fiha seħħ b'intervent divin, permezz tal-Ispirtu s-Santu, u għalhekk mingħajr l-koperazzjoni ta' missier uman. Barra minn hekk, il-Knisja tgħallem li Marija hija wkoll verġni fit-twelid ta' Ġesu. Fi kliem ieħor, Marija ma tilfitx l-integrità verġinali tagħha meta welldet lil Ġesù f'Betlehem. Il-Knisja tgħallem ukoll li Marija baqgħet verġni anke wara t-twelid ta' Ġesù, jiġifieri matul ħajjitha kollha. Din tissejjaħ il-verġinità perpetwa ta' Marija. Dan ifisser li Ġesù kien l-uniku iben naturali tagħha u li warajh ma kellhiex ulied oħra.

Il-maternità ta' Marija hija unika mhux biss għall-fatt li hija maternità divina, imma wkoll għaliex hija verġinali, kif jistqarr il-Konċilju ta' Kalċedonja meta qal li "Marija hija l-Omm Verġni ta' Ġesù". It-Testment il-Ġdid jixhed għall-verġinità ta' Marija, b'mod partikulari fir-rakkont tat-Tħabbira. Fil-fatt, dan il-fatt singulari huwa ċentrali għall-Vanġeli hekk imsejħa "tal-infanzja". San Mattew jibda l-Vanġelu tiegħu bl-arblu tar-razza ta' Ġesù: "Abram nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb..." u jibqa' sejjer hekk sa' Ġużeppi. Hawnhekk, l-evanġelista f'daqqa waħda jibdel il-format tal-kantaliena ta' ismijiet li kien tana, u minflok jgħid hekk: "Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, *li minnha tnissel Ġesù* li jsejħulu l-Messija" (Mt 1,16). L-awtur ispirat qed jgħidilna ċar u tond li Ġesù mhuwiex l-iben naturali ta' Ġużeppi, imma l-iben ta' Marija. Imbagħad fit-tħabbira tal-Messija lil Ġużeppi, l-anġlu tal-Mulej, fil-ħolm qal lil Ġużeppi: "Xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt 1,20). Ir-rakkont tat-tħabbira tal-Mulej lil Marija wkoll jagħtina dawl dwar it-tnissil verġinali ta' Ġesù: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek" (Lq 1,35). Kemm Mattew kif ukoll Luqa jippreżentaw it-tnissil verġinali ta' Ġesù bħala ġrajja li hi għal kollox oriġinali, u li qatt ma nstemgħet bħalha.

Dwar it-tnissil verġinali ta' Ġesù kien hemm bosta setet li nnegaw dan il-fatt, fosthom l-Ebjoniti u l-Injostiċi. Anke għall-pagani, il-maternità verġinali dehret bħala fatt redikolu. L-awturi nsara, fosthom xi wħud minn missirijiet il-Knisja, ħaduha qatta' bla ħabel kontra dawn

l-attakki u dan it-tagħrif qarrieqi. Fost il-Missirijiet li ddefendew il-verġinità ta' Marija, kien hemm Sant'Injazju ta' Antjokja permezz tal-Ittri tiegħu, San Ġustinu, Sant'Irinew, San Ippolitu ta' Ruma u San Zenone ta' Verona. Fil-Kredu ta' Ruma li San Ippolitu jinkludi fil-liturġija tal-magħmudija li nsibu fit-*Traditio Apostolica*, il-katekumeni kienu jiġu mistoqsija: "Temmen f'Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla imwieled minn Marija Verġni permezz tal-Ispirtu s-Santu?" Formula oħra mill-Italja u mill-Afrika ġiet inkorporata fil-Kredu tal-Ewwel Konċilju ta' Kostantinopli fis-sena 381, u tgħid hekk: "Għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna niżel mis-smewwiet, u ħa l-ġisem mill-Ispirtu s-Santu u mill-Verġni Marija, u sar bniedem"[7].

Id-diskussjoni fost l-għorrief baqgħet għaddejja. Dwar il-verġinità qabel it-twelid, Missirijiet il-Knisja kienu jaqblu dwar din il-verità li, kif rajna, għandna tagħrif dwarha fl-Evanġelji. Għal issa rridu nżommu quddiemna żewġ prinċipji: (i) ir-rivelazzjoni bibblika tagħtina tagħrif dwar il-verġinità qabel it-twelid *biss*; (ii) l-awtorità duttrinali tal-awturi nsara huwa dejjem *subordinat* għall-awtorità tal-Iskrittura Mqaddsa u tal-Knisja[8]. Dwar il-verġinità ta' Marija fit-twelid, id-diskussjoni kienet waħda taħraq. Il-maġġoranza kbira ta' Missirijiet il-Knisja u tal-awturi nsara kienu jsostnu t-teorija tal-*ġuf magħluq* jew *uterus clausus*, jiġifieri ħlas mingħajr tbatija. Sant'Efrem tas-Sirja, San Girgor ta' Nissa, San Ġlormu u Santu Wistin kollha jiddefendu l-verġinità perpetwa ta' Marija kontra Ġovinjanu, Bonosu u Elvidju. Ambroġ, fl-Ittra 63, jistqarr li Marija żammet is-siġilli tal-verġinità tagħha. Wistin juża l-espressjonijiet "concipiens virgo", "pariens virgo" u "virgine gravida". Fl-Omelija 215, l-Isqof ta' Ippona jgħid li "Marija nisslet mingħajr iż-żerriegħa tar-raġel, welldet mingħajr ħlas, u żammet l-integrità tagħha wara l-ħlas".

Dwar id-domma tal-verġinità ta' Marija, insibu numru ta' stqarrijiet awtorevoli tal-Maġisteru tal-Knisja. Fl-Ittra tal-Papa San Ljun il-Kbir lil Flavjanu – l-ittra ferm magħrufa li l-kontenut dottrinali tagħha kien approvat mill-Konċilju ta' Kalċedonja fl-451 meta dawk preżenti għajtu b'vuċi waħda "Pietru tkellem bil-fomm ta' Ljun" – insibu referenza importanti għas-suġġett tagħna. Il-kuntest, bħal fil-każ tal-maternità divina ta' Marija, huwa l-istess: domma marjoloġika fil-kuntest ta'

stqarrija kristoloġika importanti fil-Konċilju ta' Kalċedonja li kien qed jitħabat kontra l-ereżija Monofiżita li kienet tgħid li fl-Inkarnazzjoni n-natura umana ma baqgħetx teżisti għax bħal inxtorbot jew kienet assorbita min-natura divina tal-Verb; jiġifieri baqgħet biss natura waħda fil-Verb Inkarnat (dik divina), u għalhekk l-umanità ta' Kristu ma kenitx ħaġa waħda ma' tagħna. Fit-13 ta' Ġunju 449, Ljun il-Kbir kien diġà kiteb lil Flavjanu, il-Patrijarka ta' Kostantinopli biex jikkundanna l-pożizzjoni żbaljata ta' Dijoskoru, Patrijarka ta' Lixandra, kif ukoll lil Ewtike, raħeb minn Kostantinopli li kien qed jgħid l-istess ħaġa. F'din l-ittra importanti naqraw, fost l-oħrajn li Ġesù "kien imnissel mill-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Omm Verġni, li tatu t-twelid mingħajr ma tilfet il-verġinità tagħha, bħalma nisslitu bla tilfet il-verġinità tagħha"[9].

Fit-Tieni Konċilju ta' Kostantinopli tas-sena 553, niltaqgħu ma' stqarrija dwar il-verġinità perpetwa ta' Marija. Naqraw li l-Verb "sar bniedem permezz ta' Marija, l-Omm qaddisa u glorjuża ta' Alla, dejjem verġni (*semper Virgine Maria*, jew bil-Grieg, *aeiparthenou Marias*), u twieled minnha"[10]. Kien imbagħad is-Sinodu (jew Konċilju lokali) tal-Lateran tas-sena 649, fi żmien il-Papa Martin I, li stqarr b'mod mill-aktar ċar id-domma tal-verġinità perpetwa ta' Marija. Jikkundanna lil kull min ma jistqarrx li Marija, dejjem verġni u immakulata (*Dei genitricem sanctam* ***semperque virginem*** *et immaculatam Mariam*) hija Omm Alla, u li hi tassew nisslet mingħajr żerriegħa umana, mill-Ispirtu s-Santu, lil Alla l-Verb innifsu, li qabel kull żmien kien imnissel mill-Missier, u li issa wellditu mingħajr ma ttiefset, u li l-verġinità tagħha baqgħet daqstant mhux mimsusa wara t-twelid (*in ultimis saeculorum absque semine concepisse ex Spiritu Sancto, et* ***incorruptibiliter eam genuisse, indissolubili permanente et post partum eiusdem virginitate***)"[11].

Sitta u għoxrin sena wara, fis-sena 675, waqt il-Ħdax-il Konċilju (lokali) ta' Toledo fi Spanja, is-Simbolu (jiġifieri Kredu) ta' dik l-assemblea ekkleżjali reġa' saħaq dwar il-verġinità invjolata ta' Marija. Iżid ukoll li t-twelid verġinali ta' Ġesù la jintiehem bir-raġuni u lanqas b'eżempju. Kieku kien jinftiehem bir-raġuni, ma kienx ikun tal-għaġeb; u kieku kien jinftiehem b'eżempju, ma kienx ikun uniku[12]. Matul is-sekli sal-lum kien hemm diversi ri-affermazzjonijiet tal-istess verità

dwar Marija, fosthom il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* (para.52 u 57), u l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (para.499 u 510).

Reċentement, mhux biss hemm dak li stqarr il-Papa Pawlu VI fil-*Kredu tal-Poplu t'Alla* tat-30 ta' Ġunju 1968 (fl-okkażjoni tas-sena tal-fidi) meta qal "Aħna nemmnu li Marija *baqgħet dejjem verġni*"[13], imma hemm ukoll diskors ferm importanti li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-knisja ta' Santa Maria Capua Vetere meta kien qed jitfakkar is-sittax-il ċentinarju tal-Konċilju plenarju ta' Capua tas-sena 392. Ġwanni Pawlu II għallem li "huwa neċessarju għat-teologu, waqt li jippreżenta d-duttrina tal-Knisja dwar il-verġinità ta' Marija, li jżomm bilanċ indispensabbli bejn li tistqarr il-fatt u li tiċċara t-tifsira tiegħu... Marija ta' Nazaret tassew nisslet lil Ġesù permezz tal-Ispirtu s-Santu ***mingħajr intervent uman***; Marija ta' Nazaret ***tassew u verġinalment tat it-twelid lil Binha***, li għalih ***baqgħet verġni wara t-twelid***; verġni – skont is-Santi Padri u l-Konċilji li espressament affaċċaw din il-kwistjoni – anke ***f'kulma jikkonċerna l-integrità tal-ġisem***; għexet ***f'verġinità totali u perpetwa wara t-twelid*** ta' Ġesu"[14].

## Id-Domma tal-Konċepiment Immakulat ta' Marija

Hawnhekk, ir-riflessjoni tagħna hi fuq il-qdusija sħiħa ta' Marija, jiġifieri li Marija fl-ebda mument tal-ħajja tagħha – lanqas fit-tnissil tagħha – ma ttiefset bid-dnub. L-Insara, sa mill-bidunett, emmnu din il-verità: li Marija kienet eternament magħżula minn Alla in vista tal-Inkarnazzjoni. Dan jidher fit-talb tal-insara, partikolarment fil-liturġiji tal-Lvant. Marija hija qaddisa għal kollox, u fl-ebda mument ma kienet taħt is-setgħa tad-dnub. Dan l-istat ta' l-impekkabilità ta' Marija nsibuh fit-Tradizzjoni nisranija sa mill-iktar żmien bikri. Biex taqdi dik il-funzjoni unika ta' Omm il-Feddej, Marija kellha tkun imżejna b'kull virtu' għax fiha kellu jseħħ il-misteru tal-Inkarnazzjoni. Kull ma seħħ f'Marija kien, kif qal Santu Wistin, *propter honorem Domini*.

Ma kienx faċli għall-istudjużi u t-teologi biex ifissru l-verità tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija, l-aktar minħabba l-kwistjoni tad-dnub oriġinali, u meta d-duttrina tal-Knisja tafferma li Kristu huwa salvatur ta' l-umanità kollha. Kif seta' jkun li d-dnub oriġinali ma jkunx f'Marija

wkoll ladarba hi wkoll hija bint Adam? Ir-redenzjoni tal-bnedmin kollha seħħet permezz ta' Kristu.

Waqt li l-kontroversi kienu għaddejjin, fosthom dik Pelaġjana, xi wħud minn Missirijiet il-Knisja kienu qed jgħannu l-ġmiel u l-qdusija ta' Marija. Biżżejjed insemmu kwiekeb jiddu bħal Sant'Efrem li jgħanni: "Ċertament Inti waħdek u l-Omm tiegħek intom sbieħ għal kollox, għaliex fik ma hemm ebda tebgħa, Mulej, u lanqas fl-Omm tiegħek". Teoteknos ta' Livjas jiddeskrivi lil Marija bi kliem bħal "kollha ġmiel", "safja u mingħajr tebgħa", u "minn tafal safi u immakulat". San Ġermanu ta' Kostantinopli, f'waħda mill-omeliji tiegħu, jindirizza lil Marija bil-kelma *panachrante* li tfisser "l-aktar immakulata".

Soluzzjoni għall-problema teoloġika li semmejna ftit ilu nstabet fil-Medju Evu meta ġie mfisser li Marija wkoll hija mifdija minn Kristu, imma billi l-merti tas-salvazzjoni li ġabilna *ġew applikati lilha minn qabel*, jiġifieri fit-tnissil tagħha. Guliermu ta' Ware (miet c.1305), Franġiskan, u għalliem fl-Università ta' Oxford, kien l-ewwel wieħed li għallem f'università d-duttrina tal-Konċepiment Immakulat. Juri (1) il-possibiltà, (2) kemm kien xieraq, u (3) il-fatt tal-privileġġ ta' Marija. Għalhekk qal: "*Potuit, decuit, ergo fecit*" (Alla seta', ra kemm kien xieraq, u allura għamel hekk).

Dan it-tagħlim ta' Guliermu komplih id-dixxiplu magħruf tiegħu, il-Beatu Ġwann Skotu. Juża eżempju faċli, dak ta' mediċina. Is-salvazzjoni li ġab Kristu hija bħal mediċina. Fil-każ tagħna, aħna irċevejna din il-mediċina wara li mradna. Il-merti ta' Kristu huma applikati lill-umanità biex din inħelset mid-dnub. Hija redenzjoni li teħles (liberatriċi). Pero', fil-każ ta' Marija, din il-mediċina ġiet applikata minn qabel il-marda – bħal mediċina li tipproteġik u tiskansak milli taqa' fil-marda. Jiġifieri, Marija – bħall-bqija ta' l-umanità – hija salvata minn Kristu, imma fil-każ tagħha kienet redenzjoni li ħarsitha mid-dnub. Mela, *il-merti tar-redenzjoni ta' Kristu kienu applikati lil Marija qabel ma tnisslet* fil-ġuf ta' ommha. Mela, b'intervent speċjali ta' Alla, Marija kienet mħarsa u meħlusa mid-dnub tan-nisel.

L-Isqof Cauchi jispjega b'mod ċar: "Id-domma tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija, bl-ebda mod ma tikkontradixxi d-dommi l-oħra li wlied

Adam huma suġġetti għad-dnub oriġinali u kollha kemm huma jeħtieġu l-fidwa u l-grazzja ta' Kristu Redentur tal-umanità. Il-bnedmin l-oħra huma meħlusa mid-dnub oriġinali wara li diġà jkunu waqgħu fih, bħal min ifieq wara li jkun marad, u din tissejjaħ redenzjoni jew fidwa riparativa. Il-Madonna nħelset mill-imxija tad-dnub oriġinali billi Alla ma ppermetta qatt li hija taqa' fih; dik tagħha allura kienet pre-redenzjoni jew fidwa preventiva. Il-kawża effiċjenti tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija kienet l-omnipotenza ta' Alla l-għoli li kien hu wkoll li ħalaq ir-ruħ tagħha. Il-kawża meritorja kienet il-fidwa li Kristu kiseb bil-misteru tal-Għid tiegħu. Fi kliem ieħor Marija kellha dak il-privileġġ mhux għax kienet immeritatu hi, iżda għall-merti infiniti tal-Iben Divin tagħha. Il-kawża finali remota hija l-glorja ta' Alla, iżda l-kawża finali prossima jew l-għan immedjat li għalih Alla żejjinha b'dan il-privileġġ uniku, kienet il-maternità divina tagħha"[15].

Il-Konċilju ta' Bażileja (1439) kompla jġib 'il quddiem dan it-tagħlim, u għaxar snin aktar tard, l-Università ta' Sorbonne f'Pariġi bdiet iġġiegħel lill-istudenti tagħha jieħdu ġurament li jħarsu d-duttrina teoloġika dwar it-Tnissil bla tebgħa ta' Marija. Wara dan, aktar universitajiet bdew jitolbu l-istess ġurament mill-istudenti tagħhom. Spinta oħra favur din it-duttrina ngħatat billi dak li l-insara kienu ilhom ħafna iqimuh sab postu fil-kotba liturġiċi ta' dak iż-żmien, tant hu hekk li l-Papa Sistu IV approva t-testi liturġiċi tal-Kunċizzjoni ta' Marija fl-1476.

Diversi Papiet tul is-sekli ppronunzjaw ruħhom, għax minn żmien għal żmien kienet tqum xi kontroversja dwar dan is-suġġett, fosthom San Piju V (1570), Pawlu V (1616), Girgor XV (1622), Alessandru VII (1661), Innoċenz XII (1695) u Klement XI (1708). Alessandru VII kien kiteb dokument, *Sollecitudo Omnium Ecclesiarum* (fit-8 ta' Diċembru 1661) li qal li d-duttrina tal-konċepiment immakulat kellha tkun miżmuma mill-Kattoliċi kollha.

Wara triq hekk twila, kien wasal iż-żmien opportun biex din id-duttrina tiġi proklamata bħala verità rivelata minn Alla. Fit-2 ta' Frar 1849, il-Papa Piju IX ippubblika ittra *Ubi Primum* li fiha talab lill-Isqfijiet dwar l-opinjoni tagħhom, kif ukoll dwar id-devozzjoni tal-kleru u tal-fidili dwar il-konċepiment immakulat ta' Marija, u jekk kienx

hemm talba għal definizzjoni solenni ta' din il-verità. Minn 603 isqof li ġew ikkonsultati, 546 kienu favur, waqt li erbgħa biss kienu kontra. Il-Papa Piju IX kien sema' l-opinjonijiet tal-esperti u kompla jikkonsulta. Fil-fatt, fl-1850 huwa tkellem mat-teoloġi ewlenin, u bosta abbozzi ta' testi kienu tħejjew.

Kien imbagħad nhar it-8 ta' Diċembru 1854, li l-Beatu Piju IX għolla din il-verità għal domma tal-fidi. Il-kliem tad-definizzjoni mill-Bolla *Ineffabilis Deus* jgħid hekk: "Niddikjaraw, inxandru u niddefinixxu li d-duttrina li żżomm li l-Imqaddsa Verġni Marija, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja speċjali u bi privileġġ ta' Alla li jista' kollox u bid-dehra tal-merti ta' Kristu Ġesù, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet ippreservata u meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel, hi rrivelata minn Alla u, għalhekk, il-fidili kollha għandhom jemmnuha bis-sħiħ u dejjem".

**Id-Domma ta' Marija Mtellgħa fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem**

Din hija verità importanti oħra dwar il-ħajja ta' Marija u l-glorja li qegħda tgawdi. Hija verità marbuta mal-veritajiet kbar – id-dommi marjani – li fissirna sa issa, u tkompli tesprimi l-qdusija tagħha. F'din id-domma tal-Assunta qegħdin nistqarru li Marija, minn tmiem il-ħajja tagħha fuq din l-art, bdiet tgawdi lil Alla mhux bir-ruħ tagħha biss, imma b'ġisimha wkoll – ġisem glorjuż. Dan hu li nifhmu meta ngħidu li Marija "ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem".

It-tgawdija eterna fil-ġenna hija l-grazzja merfugħa għal dawk kollha li matul ħajjithom fuq l-art jemmnu f'Ġesù u jmutu fil-grazzja tiegħu. Issa, għall-bnedmin kollha li jmutu f'din il-grazzja, huma jaraw lil Alla wiċċ imb wiċċ fil-viżjoni beatifika. Huma qegħdin f'dan l-istat bir-ruħ tagħhom biss. Dan jgħodd għall-erwieħ ġusti kollha li għexu mill-bidu tad-dinja, jiġifieri l-qaddisin kollha, kemm dawk li nafu bihom (għax kanonizzati u mqegħdin mill-Knisja bħala mudell għalina, jew persuni oħra li konna nafuhom), kif ukoll dawk li ma nafux bihom. Jeżisti għalhekk dak li fl-eskatoloġija nsejħulu l-*istat intermedju* meta l-individwu jkompli jeżisti b'identità personali permezz tar-ruħ tiegħu.

Mela, l-qaddisin kollha li hemm fil-ġenna għandhom ruħ mingħajr ġisem glorjuż. Iridu jistennew l-aħħar tad-dinja meta l-ġisem li kien sar

trab jirxoxta u jingħaqad mill-ġdid mar-ruħ. Dan id-diskors jgħodd għalina lkoll: jiġifieri li wara l-mewt tagħna, jekk inkunu salvi, ir-ruħ tagħna fil-ġenna trid tistenna l-aħħar tad-dinja biex tingħaqad mal-ġisem glorjuż tagħha. Ninnotaw hawnhekk li din hija r-raġuni għall-emfasi fuq il-qdusija u d-dinjità tal-ġisem, anke fil-ħajja fuq din l-art stess. Ma ninsewx li bil-Misteru tal-Għid tiegħu, Ġesù salva l-umanità kollha, u salva mhux biss ir-ruħ tagħna, imma wkoll il-ġisem tagħna. Is-salvazzjoni li ġabilna Ġesù hija sħiħa – tal-persuna sħiħa, ruħ u ġisem.

Biex inkomplu nifhmu din il-verità teoloġika, irridu wkoll nisimgħu l-kliem ta' San Pawl meta jgħid: "Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu... għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu" (1 Kor 15,20-23).

Kien jixraq li Marija Verġni – għax Omm Ġesù u mingħajr dnub – tkun l-ewwel waħda li warajh, wara mewtha, ma tarax it-taħsir tal-qabar u titla' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Fl-Iskrittura ma nsibu xejn dwar dan imniżżel mill-awturi sagri. Ir-Rivelazzjoni li għandna hija waħda indiretta permezz tat-Tradizzjoni tal-Knisja, imma konnessa ma' dak li nsibu dwar Marija fil-Vanġelu, speċjalment ir-relazzjoni speċjali ma' Ġesù. It-Tradizzjoni tixhed għat-twemmin universali ta' l-insara dwar it-tlugħ ta' Marija fis-sema. Insibu dan fil-kitbiet, anke dawk apokrifi, fil-kitbiet ta' numru minn Missirijiet il-Knisja, speċjalemt dawk tal-Lvant, fit-talb u d-devozzjoni popolari.

Kellhom jgħaddu ħafna sekli sakemm il-Knisja waslet biex tasal għal definizzjoni dommatika. Ma jfissirx li ma kenitx issir il-festa ta' Marija Mtellgħa s-sema jew ma kienx hemm devozzjoni. Anzi, d-devozzjoni kienet waħda mxerrda ħafna, anke f'pajjiżna, fejn bosta mill-parroċċi antiki kienu ddedikati lill-Assunta, bħal Birmiftuħ, Birkirkara u l-Kastell t'Għawdex. Sewwa jingħad li *lex orandi, lex credendi.* Il-mixja teoloġika kienet waħda twila, u matulha seħħu l-iżvilupp u r-riflessjoni dwar din id-duttrina. Kienet mixja kostanti u universali.

Il-Papa Piju XII wasal għal din id-deċiżjoni wara riflessjoni twila u

wara konsultazzjoni u wara l-parir ta' għadd kbir ta' esperti. Kif intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1 ta' Mejju 1946 huwa bagħat ittra enċiklika lill-isqfijiet kollha tad-dinja, *Deiparae Virginis Mariae*. Fiha huwa staqsihom jekk jidhrilhomx li għandha ssir id-definizzjoni tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem. Minn 1181 isqof li kien hemm dak iż-żmien, 22 biss ma qablux, u minn dawn tal-aħħar, 16 stqarrew li kienu jemmnu dil-verità teoloġika, imma li kien ta' min jistenna aktar biex wieħed jipproklamaha bħala domma tal-fidi.

Il-Papa Piju XII, fil-fatt ma kien qiegħed idaħħal xejn 'ġdid', imma permezz tad-domma tal-Assunta tal-1 ta' Novembru 1950 huwa "kkonferma b'mod solenni bħala domma tal-fidi dak li kien ilu jeżisti, aċċettat u emmnut bil-fidi sħiħa tal-fidili fil-Knisja Universali. Ikkonferma dan it-twemmin bħala domma tal-fidi rrivelata minn Alla"[16]. Huwa ma bbażax dan it-tagħlim direttament fuq xi test partikulari tal-Iskrittura, imma huwa "appella prinċipalment għall-fidi tal-Knisja"[17] li hija mmexxija mill-Ispirtu s-Santu.

Il-kliem tal-Kostituzzjoni Appostolika ta' Piju XII, *Munificentissimus Deus* jgħid hekk: "Bis-setgħa tal-Mulej Ġesù Kristu, tal-qaddisin appostli Pietru u Pawlu, u bl-awtorità tagħna, aħna nxandru, niddikjaraw u niddefinixxu bħala domma rrivelata minn Alla: li l-Immakulata Omm Alla Marija dejjem Verġni, *meta temmet il-mixja ta' ħajjitha fuq l-art*, ittieħdet bil-ġisem u r-ruħ fil-glorja tas-sema".

Bħalma hija rebbieħa fuq id-dnub, bis-saħħa ta' Kristu, Marija hija wkoll rebbieħa fuq il-mewt li hi konsegwenza u piena tad-dnub. Rebbieħa fuq il-mewt, ġisimha ma tħassarx u sar trab. Diskussjoni ma taqta' xejn kienet dwar il-mistoqsija: Marija mietet? Sa żmien il-pubblikazzjoni tal-Kostituzzjoni *Munificentissimus Deus*, kien hemm xi marjoloġi (*immortalisti*) li kienu jsostnu li Marija ma mititx tassew, imma biss bħal "raqdet" (*Dormitio, transitus*). Oħrajn (*mortalisti*) kienu jgħidu li mietet mewta naturali, imma bla tbatija. Dawn tal-aħħar sostnew hekk: jekk l-Iben ta' Alla bata u miet, u ta dinjità ġdida lit-tbatija u l-mewt, x'hemm ta' diżunur li ngħidu li Marija mietet? Kieku ma mititx, ma kenitx tkun tixbaħ lil Ġesù fil-mewt tiegħu. Kienet tkun f'xorti aħjar minnu. Biex jevita li jżomm la ma naħa u lanqas ma' oħra, fil-formola tad-definizzjoni, il-Papa Piju XII evita l-kwistjoni,

billi għażel b'reqqa l-kliem u uża l-espressjoni 'newtrali' "*meta temmet il-kors ta' ħajjitha*".

## Konklużjoni

Din il-ġirja tul elfejn sena ta' storja waslitna biex napprezzaw ftit aktar dak li l-Poplu t'Alla ilu jemmen u jiċċelebra. Hija espressjoni qawwija tal-imħabba tal-Poplu mhux biss lejn il-Mulej imma lejn l-Omm qaddisa tiegħu. Id-dommi tal-fidi huma aspett importanti fil-Maġisteru tal-Knisja Kattolika għaliex bħal jissiġillaw dak li diġà kien jeżisti għal sekli sħaħ fil-qalb tal-Poplu. Il-Poplu t'Alla, immexxi mill-Ispirtu s-Santu, jasal biex jagħraf aħjar ċerti veritajiet kbar tal-fidi nisranija. Dan huwa proċess li jieħu ż-żmien għax bosta drabi jitlob mhux biss maturazzjoni, imma wkoll il-ħtieġa ta' kjarifikazzjoni dottrinali mit-teoloġi. Pero', fl-istess ħin li t-teoloġi jkunu qed ikissru moħħhom jew jiddibattu bejniethom, il-Poplu qatt ma waqaf milli juri l-imħabba lejn Omm Alla – imħabba li qabel kollox intweriet f'talb sinċier ħiereġ mill-qalb u spiss imsieħeb bid-dmugħ, il-bini ta' santwarji, knejjes u niċeċ, u t-tħejjija ta' pitturi u ħwejjeġ artistiċi oħra li jagħtu gieħ lil Marija. Nistgħu ngħidu li aktarx l-fidi tal-Poplu dejjem ġriet b'ħeffa akbar mit-teoloġi. Dawn tal-aħħar, imbagħad, fittxew li jagħtu spjegazzjoni soda li tagħti dawl aħjar fuq il-misteri tal-fidi, għalkemm kif spiss jiġri, għal dawk li jemmnu m'hemmx bżonn spjegazzjoni, waqt li għal dawk li ma jemmnux, l-ebda spjegazzjoni ma hi biżżejjed.

## Noti

1. Nikol Ġ. Cauchi, *Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja*, Lumen Christi Media Centre, Victoria 2002, p.25.
2. Hector Scerri, *Il-Ġmiel tal-Fidi Tagħna*, Vol. 1, Reliġjon u Ħajja, Malta 2010, p.24.
3. Mis-Simbolu ta' Niċeja, ara *The Christian Faith in the Doctrinal Documents of the Catholic Church*, ed. J. Neuner – J. Dupuis, seventh edition, Theological Publications in India, Bangalore, 2001, para.7.
4. Ara t-tieni qari tal-Uffiċċju tal-Qari għat-tifkira ta' San Ċirillu ta' Lixandra, 27 ta' Ġunju, fil-Liturġija tas-Sigħat.
5. Neuner-Dupuis, para. 605.

6. Ara Donat Spiteri, *Marija ta' Nazaret*, Klabb Qari Nisranu, Media Centre, Malta 2005, p.43-44.
7. Ara Neuner-Dupuis, para.12.
8. Ara E. Bellini, *I Padri nella Tradizione Cristiana*, Jaca Book, Milano 1982, 30ss.
9. Ara Neuner-Dupuis, para.609.
10. Ara Neuner-Dupuis, para. 620/2; Denzinger-Schonmetzer, *Enchiridion Symbolorum*, para. 422.
11. Denzinger-Schonmetzer, para.503.
12. Ara Neuner-Dupuis, para.628.
13. Neuner-Dupuis, para.39/7.
14. Ara Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II lill-Kungress Marjoloġiku f'Capua, f'*Bulletin tal-Arċidjoċesi*, nru 74, Ottubru 1992, pp.396-403, speċ. pp.399-400.
15. Cauchi, *Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja*, pp.50-51.
16. Spiteri, *Marija ta' Nazaret*, p.71.
17. Cauchi, *Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja*, p.79.

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni *(eżawrit)*
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja *(eżawrit)*
4 Bijoġenetika
5 L-Ewkaristija *(eżawrit)*
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta *(eżawrit)*
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu *(eżawrit)*
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien ta' l-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil ta' l-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu: Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni: Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna
70 L-Islam: Fidi u Għajxien
71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu
73 Il-Problema ta' l-Alkoħoliżmu u l-Logħob ta' l-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Priedka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bijoetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?